

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 279



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

20 ta' Lulju 2022

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

2022/C 279/01

Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja — Taqsima 1: Parlament Ewropew — Sena finanzjarja 2021

1

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

RAPPORT DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

TAQSIMA 1: PARLAMENT EWROPEW

SENA FINANZJARJA 2021

(2022/C 279/01)

WERREJ

	Pàġna
INTRODUZZJONI	3
I. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ATTIVITAJIET TAL-PARLAMENT FL-2021	3
II. L-EVOLUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-PARLAMENT META MQABBEL MAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI	5
III. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT FL-2021	5
A. Baġit inizjali u baġit finali	7
b. Impenji u pagamenti	8
c. Riporti mill-2021 għall-2022	8
d. Użu tar-riporti mill-2020 għall-2021	8
e. Dħul	8
f. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat	9
g. Kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet għas-sena	9
h. Trasferimenti	9
i. L-implimentazzjoni baġitarja skont il-kapitolu	10
ANNESI	14
Annex I — Rendikont tat-trasferimenti C matul is-sena finanzjarja 2021	14
Annex II — Rendikont tat-trasferimenti P matul is-sena finanzjarja 2021	22
Annex III — Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet matul l-2021 — inkluż l-impatt tal-covid-19	26
Annex IV — Ħarsa ġenerali lejn l-impatt tal-COVID-19 fuq l-appropriazzjonijiet tal-2021 skont il-Kapitolu ...	32
Annex V — Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet riportati mis-sena preċedenti	34
Annex VI — Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet minn dħul assenjat intern	40
Annex VII — Dħul fl-2021	46
Annex VIII — Proġett ADENAUER II — ċifri ewlenin	49

	<i>Paġna</i>
Lista ta' tabelli u grafiki	5
Tabella 1 — Użu tal-appropriazzjonijiet	5
Tabella 2 — Dħul — pagamenti totali riċevuti fl-2021 u fl-2020.....	8
Tabella 3 — Analiżi tat-trasferimenti C skont il-kategorija tan-nefqa u l-iskop	9
Tabella 4 — Appropriazzjonijiet impenjati fl-2021 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2020	11

INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport janalizza l-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2021. Jiddeskrivi l-użu li sar mir-riżorsi finanzjarji u l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet matul is-sena.
2. Ir-rapport tfassal skont l-Artikolu 249 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju". L-analiżi hija bbażata fuq il-kontijiet proviżorji stabbiliti mill-Uffiċjal tal-Kontabilità.
3. Fl-2021, il-Parlament ġie allokat baġit ta' EUR 2 064 miljun, li kien jikkorrispondi għal żieda ta' 1,22 % fuq l-2020 u 19,41 % tal-kategorija 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Il-Parlament impenja EUR 2 033 miljun tal-baġit, għamel pagamenti fil-livell ta' EUR 1 650 miljun (81 %) u awtomatikament ittrasferixxa EUR 380 miljun (18,4 %). Ir-rapport mhux awtomatiku jirrappreżenta EUR 22 miljun (1,1 %).

I. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ATTIVITAJIET TAL-PARLAMENT FL-2021

4. L-2021 kienet l-ewwel sena tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid (QFP) 2021 – 2027. Minkejja t-tnaqqis tal-limitu massimu tal-Intestatura għan-nefqa amministrattiva bejn l-2020 u l-2021 (l-Intestatura 5 taħt il-QFP 2014-2020, l-Intestatura 7 taħt il-QFP 2021-2027), is-sehem tal-baġit tal-Parlament f'din l-intestatura baqa' taħt l-20 % (19,41 %).
5. Ir-razzjonalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' oqsma ewlenin tal-amministrazzjoni tal-Parlament komplew fi ħdan l-istruttura tal-"Qafas ta' Eżekuzzjoni Strateġika" u f'konformità mal-prijoritajiet identifikati fit-tħejija tal-baġit tal-2021.
6. L-2021 kienet ikkaratterizzata mill-isfidi li rriżultaw mill-pandemija kontinwa tal-COVID-19, li kienet teħtieġ li l-biċċa l-kbira tal-miżuri straordinarji introdotti fl-2020 jinżammu, u fejn meħtieġ, adattati sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju għall-Membri u għall-persunal, filwaqt li jiġi żgurat li l-Istituzzjoni tibqa' f'pożizzjoni li tkompli bl-attivitajiet ewlenin tagħha u li tissodisfa l-mandat tagħha bħala rappreżentanza demokratika tal-poplu tal-Unjoni Ewropea.
7. B'mod partikolari, it-telexogħol u l-laqgħat remoti/ibridi komplew jiġu applikati fuq skala kbira matul l-2021. L-obbligu għall-maġġoranza tal-persunal (inklużi l-assistenti parlamentari akkreditati u l-persunal tal-gruppi politiċi) għal 100 % telexogħol tneħħa gradwalment minn Ġunju 2021⁽²⁾. Uħud mir-restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tal-Parlament, eż. dwar id-delegazzjonijiet u l-akkoljenza ta' viżitaturi individwali, tneħħew minn Settembru 2021⁽³⁾.
8. Is-sessjonijiet ta' Strasburgu baqgħu sospiżi fil-bidu tas-sena, iżda, reġgħu bdew minn Ġunju 2021.
9. Il-kriżi li għaddejjha bħalissa tal-COVID-19 wasslet għal trasferimenti sostanzjali fil-baġit tal-Parlament. Ir-riżorsi baġitarji żejda saru disponibbli f'oqsma bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-organizzazzjoni u l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi, l-operat taċ-ċentri tal-viżitaturi tal-PE, it-taħriġ tal-persuni, il-konsum tal-enerġija (minħabba l-użu aktar baxx tal-bini) eċċ
10. Fl-istess ħin, il-pandemija li għaddejjha bħalissa ħolqot ħtiġijiet baġitarji addizzjonali f'oqsma oħra, b'mod partikolari s-saħħa u l-prevenzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), kif ukoll tagħmir tekniku u loġistika ta' interpretazzjoni multilingwi sabiex tippermetti laqgħat remoti u ibridi inklużi laqgħat u voti tal-Kumitat u tal-Plenarja. Aktar dettalji dwar it-trasferimenti operati fl-2021 huma ppreżentati fit-taqsimha II.H u fl-Annessi I, II, III u IV ta' dan ir-rapport.
11. **L-investimenti fl-IT** ipplanati relatati maċ-ċentru tad-data, mat-tagħmir individwali, mal-istrateġija tal-Cloud u maċ-Ċibersigurtà ġew aċċellerati u msaħħa aktar permezz ta' trasferimenti fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejjha bħalissa. Iż-żieda netta fil-baġit tad-DĠ ITEC bis-saħħa tat-trasferimenti kienet tammonta għal EUR 11 250 513.
12. **Il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u s-servizzi tal-konferenzi** pplanata ġiet aċċellerata u msaħħa wkoll sabiex tappoġġa laqgħat multilingwi remoti u ibridi. Iż-żieda netta tal-baġit tad-DĠ LINC ammontat għal EUR 12 584 900, inkluż it-tisħiħ ta' EUR 5 250 000 speċifikament għall-appoġġ **tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**.

(1) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Bureau tas-7 ta' Ġunju 2021, deċiżjoni tal-President tal-1 ta' Ġunju dwar miżuri ta' sigurtà biex jiġi limitat it-tixrid tal-COVID-19.

(3) Deċiżjoni tal-Bureau tal-5 ta' Lulju 2021, deċiżjoni tal-President tat-2 ta' Settembru 2021

13. Wara d-Deċiżjoni tal-Bureau ta' April 2021, il-Parlament impenja EUR 10 644 359 u ħallas EUR 5 227 276 fir-rigward tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa..⁽⁴⁾
14. Il-pandemija kellha impatt imħallat fuq l-aġenda **“Involvement maċ-ċittadini”**. Dar l-Istorja Ewropea, il-Parlamentarism u l-Europa Experience baqgħu magħluqa jew operaw b'rata mnaqqsa għal partijiet mis-sena li wassal għal iffrankar żgħir fl-ispejjeż operatorji. Min-naħa l-oħra, l-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ (EYE2021) sar kif ippjanat, kemm online kif ukoll fi Strasburgu. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni komplew jimxu lejn forom diġitali jew ibridi. Din is-sitwazzjoni wasslet għal surplus baġitarju ġenerali u sussegwentement trasferiment nett għal linji oħra ta' EUR 7 336 000.
15. **Il-Parlament Ekoloġiku u l-mobbiltà sostenibbli**: Il-Parlament tejjeb il-prestazzjoni ambjentali tiegħu permezz tat-tranżizzjoni gradwali għall-mobbiltà elettrika sħiħa (batterija kif ukoll ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu) u t-titjib tal-infrastruttura relatata mar-roti. Madankollu, il-kumpens għal emmissjonijiet ta' karbonju tal-Parlament fl-2021 ġie mfixxkel mill-irtirar ta' operatur ekonomiku bħala effett taż-żieda sinifikanti f'daqqa fil-prezzijiet taċ-ċertifikati tal-karbonju wara l-COP21.
16. **L-internalizzazzjoni tal-persunal tas-sigurtà**: Id-DĠ SAFE organizza kważi 400 intervista online biex jintgħażlu uffiċjali għas-sigurtà u l-prevenzjoni futuri. Il-proċeduri ta' reklutaġġ kollha meħtieġa biex jippermettu bidu bla xkiel għall-proċess ta' internalizzazzjoni li jinvolvi 115-il aġent ġdid tas-sigurtà ġew implimentati.
17. Matul l-2021, l-amministrazzjoni kompliet l-implimentazzjoni tal-**“Istrateġija tal-Bini wara l-2019”** tal-Parlament kif approvata mill-Bureau f'April 2018. Dan ġie kkomplementat mill-**“Integrated Facility Management Strategy”** (**“Strateġija għall-Ġestjoni tal-Faċilità Integrata”**), adottata fit-8 ta' Marzu 2021.
18. Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-proġetti ta' bini ewlenin fl-2021 hija kif ġej:
- Fil-Lussemburgu
- a. Parti importanti mill-istrateġija tal-bini tal-Parlament hija **l-proġett tal-bini ADENAUER II** sabiex is-servizzi tal-Parlament kollha li joperaw fil-Lussemburgu jinġiebu taħt l-istess saqaf. L-ewwel parti ta' dan il-proġett (East Wing, li tikkorrispondi għal madwar 75 % tal-proġett ġenerali) tlestiet f'Ottubru 2020. Il-persunal beda jokkupa l-bini l-ġdid minn Novembru 2020 u matul l-ewwel semestru tal-2021. Ix-xogħlijiet biex tinbena l-West Wing bdew fl-2021.
- Fi Strasburgu
- b. Il-proġett biex **tiżdied is-sigurtà fid-daħla tal-binja WEISS** iffaċċja dewmien minħabba l-posponiment tal-intervent tal-fornituri tat-telefonija ċellulari fuq in-networks tal-kejbils li kienu qed jaqsmu l-art tal-kostruzzjoni u dewmien fil-provvista ta' materjali minħabba l-kriżi tal-COVID.
- c. **Fil-binja WEISS**, ix-xogħlijiet **għall-immodernizzar tal-installazzjonijiet awdjoviżivi fil-intrata** tal-Emiċiklu ġew iffinalizzati.
- d. Fil-binja **CHURCHILL u DE MADARIAGA**, għadhom għaddejjin diversi proġetti: xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u tkabbir **tal-faċilitajiet tal-catering, adattament tal-faċilitajiet sanitarji** għall-istandards meħtieġa, **titjib tad-dawl u tnehija tal-ostakli** fil-kurituri sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.
- Fi Brussell
- e. Ix-xogħlijiet relatati mat-tieni fażi **taċ-Ċentru għall-Viżitaturi** fil-binja ZWEIG qed jipproċedu.
- f. Fil-binja SPINELLI, **xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-Faċilità multifunzjonali tar-ristoranti** bdew fl-2021 u għadhom għaddejjin.
- Fit-tliet postijiet tax-xogħol kollha
- g. Fir-rigward **tad-disinn universali**, ix-xogħlijiet jipproċedu skont l-Aġenda għall-Aċċessibbiltà pprogrammata fi Strasburgu, f'konformità mal-pjan regolatorju trażmess lill-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi; fi Brussell, saru interventi kbar fl-2021 sabiex titqies, fix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni previsti kollha, l-introduzzjoni ta' aspetti ta' aċċessibbiltà. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-aċċessibbiltà mtejbja għall-Uffiċċji ta' kollegament ġew iffinalizzati fl-2021.
19. Bħal fis-snin preċedenti, il-Kumitat għall-Baġits awtorizza fl-2020 trasferiment ta' tlaqqit għall-finanzjament ta' żewġ proġetti ta' bini. Il-parti ta' dan it-trasferiment iddedikata **għall-proġett tal-bini ADENAUER** ammontat għal madwar EUR 33,56 miljun (ara t-Taqsima III. H. dwar it-trasferimenti). Wara r-Rakkomandazzjoni 3 tar-Rapport

⁽⁴⁾ In-nefqa f'konformità man-nota mingħand is-Segretarju Ġenerali tad-19 ta' April 2021, ikkunsidrata mill-Bureau fis-26 ta' April 2021, u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet operazzjonali meħuda mill-Bord Eżekuttiv ta' CoFoE f'Mejju 2021.

Speċjali 34/2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-akkomodazzjoni għall-uffiċji tal-istituzzjonijiet tal-UE, ħarsa ġenerali lejn il-finanzjament tal-proġett tal-bini ADENAUER hija annessa ma' dan ir-rapport (l-Anness VIII).

20. Fi Brussell, id-deċiżjoni li tinxtara l-binja **TREVES II** ippermettiet li jitlesta pass ieħor fl-istrategġija tal-bini tal-Parlament. Se tkompli tikkonsolida l-proprjetà immobbli tal-Parlament, tippermetti l-interkonnnettività tal-bini ċentrali u tkompli tikkontribwixxi għal sigurtà mtejba.
21. L-approċċ strateġiku relatat mal-implimentazzjoni ta' **Europa Experiences** fl-Istati Membri kollha ġie msaħħaħ b'mod konkret fl-2021 bi prospetti multipli tas-suq lokali mnedija fl-2021 sabiex jirrispettaw l-skeda ta' żmien proposta għall-iskjerament ta' dawn il-faċilitajiet fl-Istati Membri kollha sal-2024. Wara d-deċiżjoni tal-Bureau tat-23 ta' Novembru 2020, il-prospetti tas-suq lokali tlestew bir-rakkomandazzjoni tas-siti tal-Europa Experience fi Vjenna u fi Stokkolma, filwaqt li l-istħarriġ ikompli f'diversi stati Membri. Fl-2021, ġew iffirmati kuntratti ta' lokazzjoni għal:
- Bini awtonomu tal-Europa Experience: f'Pariġi, f'Ruma, fi Vjenna u fi Stokkolma;
 - Bini tal-Europa Experience bħala parti minn Dar l-Ewropa: f'Varsavja u fi Praga, l-ospitar fl-istess bini tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew u tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea.

II. L-EVOLUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-PARLAMENT META MQABBEL MAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

L-evoluzzjoni tal-baġit tal-Parlament meta mqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali

Year	2017	2018	2019	2020	2021
Baġit PE (f'miljuni ta' EUR)	1 910	1 951	1 997	2 039	2 064
Δ %	3,9	2,2	2,4	2,1	1,2
Intestatura tal-QFP 5(7) ⁽¹⁾ (f'miljuni ta' EUR)	9 918	10 346	10 786	11 254	10 635
Δ %	4,6	4,3	4,2 %	4,3	- 5,5
Sehem tal-PE fl-intestatura 5	19,3 %	18,9 %	18,5 %	18,1 %	19,4 %

(¹) iċ-ċifri għas-snin 2017-2020 huma relatati mal-QFP 2014-2020, Intestatura 5; iċ-ċifri għas-sena 2021 huma relatati mal-QFP 2021-2027, Intestatura 7.

III. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT FL-2021

22. L-appropriazzjonijiet finali tal-Parlament għall-2019 ammontaw għal EUR 2 063 521 135, jew 18,1 % tal-intestatura il-ġdida 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ⁽²⁾. It-Tabella 1 ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament matul is-sena finanzjarja 2021.

Tabella 1

Użu tal-appropriazzjonijiet

Tip ta' appropriazzjoni	Appropriazzjonijiet tal-2021 (EUR jew %)	Appropriazzjonijiet tal-2020 (EUR jew %)	Bidla 2021/2020 %
Appropriazzjonijiet kurrenti (il-Fond 0)			
Appropriazzjonijiet inizjali	2 063 521 135,00	2 038 745 000	1,22
Appropriazzjonijiet finali	2 063 521 135,00	2 038 745 000	1,22

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabblixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2021-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

Tip ta' approprjazzjoni	Approprjazzjonijiet tal-2021 (EUR jew %)	Approprjazzjonijiet tal-2020 (EUR jew %)	Bidla 2021/2020 %
Implimentazzjoni għas-sena			
Impenji	2 033 160 247,46	1 950 750 955	4,22
Bħala % tal-approprjazzjonijiet finali	98,53	95,68	
Pagamenti	1 649 796 838,12	1 590 035 012	3,76
Bħala % tal-impenji	81,14	81,51	
Riporti għas-sena suċċessiva			
Riporti awtomatiċi għas-sena suċċessiva ⁽¹⁾	380 099 194,75	356 517 981	6,61
Bħala % tal-approprjazzjonijiet finali	18,42	17,49	
Bħala % tal-impenji	18,69	18,28	
Riporti mhux awtomatiċi (approprjazzjonijiet mhux impenjati riportati għas-sena suċċessiva) ⁽²⁾	22 007 230,00	74 900 000	- 70,62
Bħala % tal-approprjazzjonijiet finali	1,07	3,67	- 70,97
Kanċellazzjonijiet			
Approprjazzjonijiet ikkanċellati	11 617 872	17 292 007	- 32,81
Bħala % tal-approprjazzjonijiet finali	0,6	0,85	
Ir-riport mis-sena preċedenti (il-Fondi 1 u 2)			
Riporti awtomatiċi mis-sena preċedenti	356 517 980,56	274 260 660	29,99
Pagamenti li jikkorrispondu għal dawn ir-riporti	318 238 275,95	246 975 261	28,85
Bħala % tar-riporti	89,3	90,05	
Ammont ikkanċellat	38 279 704,61	27 285 399	40,29
Riporti mhux awtomatiċi mis-sena preċedenti ⁽²⁾	74 900 000	0	
Pagamenti li jikkorrispondu għal dawn ir-riporti	74 900 000	0	
Bħala % tar-riporti	100,00		
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat għas-sena (il-Fond 7)			
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat għas-sena	37 150 961,72	33 567 305	10,68
Impenji	13 155 965,35	5 674 858	131,83
Bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat	35,4	16,91	
Pagamenti	8 913 697,51	3 626 822	145,77
Bħala % tal-impenji li jirriżultaw minn dħul assenjat	67,8	63,91	
Riport tal-approprjazzjonijiet għas-sena suċċessiva	23 994 996,37	27 892 448	- 13,97
Riport tal-approprjazzjonijiet għas-sena suċċessiva	4 242 267,84	2 048 035	107,14
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat intern minn sorsi għajr il-kiri u l-bejgħ ta' bini u art ⁽³⁾ riportati mis-sena preċedenti (Fond 5 ħliet partiti 2000-2003)			
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportati mis-sena preċedenti	21 612 665	18 755 707	15,23

Tip ta' approprjazzjoni	Approprjazzjonijiet tal-2021 (EUR jew %)	Approprjazzjonijiet tal-2020 (EUR jew %)	Bidla 2021/2020 %
Impenji	21 244 892	18 272 246	16,27
Bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportati	98,30	97,42	
Pagamenti	15 997 482	13 117 629	21,95
Bħala % tal-impenji	75,30	71,79	4,89
Kanċellazzjonijiet	367 773	483 461	- 23,93
Riport tal-approprjazzjonijiet impenjati għas-sena suċċessiva	5 247 410	5 154 617	1,80
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat intern mill-kera u l-bejgħ tal-bini u l-art⁽¹⁾ riportati mis-sena preċedenti (il-Fond 5, partiti 2 0 0 0-2 0 0 3)			
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportati mis-sena preċedenti	9 985 260	6 660 660	49,91
Impenji	4 159 687	2 955 183	40,76
Bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportati	41,66	44,37	
Pagamenti	3 866 667	2 442 111	58,33
Bħala % tal-impenji	92,96	82,64	
Riport tal-approprjazzjonijiet għas-sena suċċessiva	5 825 573	3 705 477	57,22
Riport tal-approprjazzjonijiet impenjati għas-sena suċċessiva	293 020	513 072	- 42,89
Impenji minn dħul assenjat riportati mis-sena preċedenti (il-Fond 3)			
Impenji minn dħul assenjat riportati mis-sena preċedenti	7 715 724	6 997 082	10,27
Pagamenti	5 805 470	6 094 211	- 4,74
Bħala % tal-impenji	75,24	87,10	- 13,61
Riport tal-impenji minn dħul assenjat riportati għas-sena suċċessiva (dħul mill-kera)			
Kanċellazzjoni ta' impenji minn dħul assenjat	1 910 254	902 871	111,58

(¹) L-Artikoli 12(1) u 12(7) tar-Regolament Finanzjarju.

(²) L-Artikoli 12(1), 12(2)(a) u 12(3) tar-Regolament Finanzjarju.

(³) Bl-eċċezzjoni tad-dħul assenjat intern mill-kera u l-bejgħ tal-bini u l-art li jista' jiġi riportat sa ma jintuża kollu (Artikolu 12(4)(b) tar-Regolament Finanzjarju).

(⁴) L-Artikolu 12(4)(b) tar-Regolament Finanzjarju.

A. Baġit inizjali u baġit finali

23. L-approprjazzjonijiet inizjali u finali fil-baġit tal-Parlament għall-2021 ammontaw għal EUR 2 063 521 135. Dan irrappreżenta żieda ta' 1,22 % fuq il-baġit finali tal-2020 (EUR 2 038 745 000).

B. Impenji u pagamenti

24. L-impenji b'kollox ammontaw għal EUR 2 033 160 247, li jammontaw għal 98,5 % tal-appropriazzjonijiet finali (2020: 95,7 %). Il-pagamenti b'kollox ammontaw għal EUR 1 649 796 838 jew 81,1 % tal-impenji li ttieħdu (2020: 81,5 %).

C. Riporti mill-2021 għall-2022

25. Ir-riporti awtomatiċi għas-sena finanzjarja 2022 ammontaw għal EUR 380 099 195, li jammontaw għal 18,7 % tal-appropriazzjonijiet impenjati (2020: 18,3 %). Ir-riport mhux awtomatiku mill-2021 għall-2022 ammonta għal EUR 22 007 230, kien bi tħejija għax-xiri tal-binja TREVES II fi Brussell.

D. Użu tar-riporti mill-2020 għall-2021

26. Ir-riporti awtomatiċi għall-2021 b'kollox ammontaw għal EUR 356 517 981 (2020: EUR 274 260 660). Il-pagamenti li jikkorrispondu għal dawk ir-riporti kienu EUR 318 238 276 jew 89,3 % (2020 90,1 %). L-appropriazzjonijiet ikkanċellati b'hekk b'kollox ammontaw għal EUR 38 279 705 (2020: EUR 27 285 399). Il-biċċa l-kbira tal-kanċellazzjonijiet saru skont l-Artikolu 2 0 0 "Bini", l-Artikolu 2 0 2 "Produzzjoni u tixrid", l-Artikolu 2 1 4 "Materjal u installazzjonijiet tekniċi", l-Artikolu 3 2 4 "Produzzjoni u tixrid", l-Artikolu 4 0 0 "Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi u informatiċi tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati". Il-kanċellazzjonijiet skont dawn il-ħames artikoli jammontaw għal 84,5 % tal-ammont totali kkanċellat. Il-biċċa l-kbira tal-kanċellazzjonijiet relatati mal-ispejjeż tal-bini kienu dovuti għall-kriżijiet kontinwi relatati mal-COVID, li wasslu għal nuqqas ta' ħaddiema tal-bini kif ukoll għal nuqqas ta' materjali tal-bini.

E. Dħul

27. Id-dħul totali fil-kontijiet sal-31 ta' Diċembru 2021 kien ta' EUR 215 332 108 (2020: EUR 203 449 523). Skont l-Artikolu 101 (2-5) tar-Regolament Finanzjarju, ingħataw rinunzi għal ammont totali ta' EUR 873 857.
28. It-Tabella 2 toffri analiżi, għal kull kapitolu, tal-evoluzzjoni tad-dħul mill-2020 għall-2021.

Tabella 2

Dħul — pagamenti totali riċevuti fl-2021 u fl-2020

Kapitolu	Intestatura	2021	2020	Differenza	Bidla
		(EUR)	(EUR)	(EUR)	2021/2020 %
3 0	Dħul mill-persunal	177 070 447	168 988 133	8 082 314	5
3 1	Dħul marbut mal-propjetà	6 908 282	6 815 732	92 550	1
3 2	Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat	14 659 257	16 426 348	- 1 767 090	-11
3 3	Dħul amministrattiv ieħor	16 693 295	11 217 283	5 476 012	49
Titolu 3	Dħul amministrattiv	215 331 280	203 447 495	11 883 785	5,84
4 0	Dħul minn investimenti u kontabilità	828	2 028	- 1 200	-59
Titolu 4	Dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza u multi	828	2 028	- 1 200	- 59,17

Kapitolu	Intestatura	2021	2020	Differenza	Bidla
		(EUR)	(EUR)	(EUR)	2021/2020 %
6 6	Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħrajn	0	0	0	—
Titolu 6	Dħul, kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet relatati ma' politika tal-unjoni	0	0	0	—
Totali		215 332 108	203 449 523	11 882 585	5,84

F. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat

29. Id-dħul assenjat li kien disponibbli fl-2021 ammonta għal EUR 37 150 962 (2020: EUR 33 567 305). L-impenji b'kolloxx ammontaw għal EUR 13 155 965, jiġifieri rata ta' impenn ta' 35,4 % (2020: 16,9 %). Il-ħlasijiet ammontaw għal EUR 8 913 698, li jammontaw għal 67,8 % tal-impenji li ttieħdu (2020: 63,9 %).

G. Kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet għas-sena

30. Is-somma ta' EUR 11 617 872 (2020: EUR 17 292 007), li tirrappreżenta 0,6 % tal-appropriazzjonijiet finali (2020: 0,8 %), ġie kkanċellat.

H. Trasferimenti

31. Matul is-sena finanzjarja, 18-il ⁽⁶⁾ trasferiment-C (li jinkludu it-trasferiment "ta' tlaqqit") ġew approvati f'konformità mal-Artikoli 31 u 49 tar-Regolament Finanzjarju. It-trasferimenti-C ammontaw għal EUR 106 753 497 li jippreżentaw 5,2 % tal-appropriazzjonijiet finali. Bħala paragon, 12-il trasferiment-C ġew approvati fl-2020, li jammontaw għal 9 % tal-appropriazzjonijiet finali.

Tabella 3

Analiżi tat-trasferimenti C skont il-kategorija ta' nfiq u l-iskop

Kategorija ta' nfiq destinatarija tat-trasferiment	Għan	Trasferiment	Ammont ittrasferit (EUR)	Bħala % tal-ammonti ttrasferiti
Politika immobiljari	Il-proġett tal-binja ADENAUER II	C19	33 559 035	31,4
	Xiri tal-binja TREVES II	C19	22 007 230	20,6
	Is-Sigurtà tal-bini fil-Lussemburgu	C4	750 000	0,7
Politika immobiljari — Total			56 316 265	52,8
L-IT u tagħmir tekniku ieħor	L-IT u tagħmir tekniku ieħor	C6, C7, C8, C12, C13, C14, C18	16 837 752	15,8
L-IT u tagħmir tekniku ieħor — Total			16 837 752	15,8
Persunal u aġenti oħra	Spejjeż għall-persunal	C15, C19	8 640 000	8,1
	Nefqa għal persunal ieħor	C1	4 095 480	3,8

⁽⁶⁾ It-trasferiment C11 ġie esegwit permezz tal-proċedura Artikolu 27.3 b) tar-regoli interni dwar l-implementazzjoni tal-baġit tal-PE (ara t-trasferiment P2 tal-Anness II — Ħarsa ġenerali lejn it-trasferimenti P matul is-sena finanzjarja 2021).

Kategorija ta' nfiq destinatarja tat-trasferiment	Għan	Trasferiment	Ammont ittrasferit (EUR)	Bħala % tal-ammonti ttrasferiti
	Installazzjoni ta' faċilitajiet tal-ittestjar tas-SARS-CoV-2	C2	360 000	0,3
	Saħħa u prevenzjoni-Covid 19	C2, C9, C16	11 940 000	11,2
Persunal u aġenti oħra — Total			25 035 480	23,5
Multi-lingwiżmu	Interpretazzjoni esterna CCI	C6, C7	4 750 000	4,4
	Traduzzjoni esterna	C10	2 000 000	1,9
Multilingwiżmu – Totali			6 750 000	6,3
Nefqa oħra	Ċentru Ewropew tal-Media Xjentifika	C5	304 000	0,3
	Nefqa għall-forniment tal-ikel	C3	1 080 000	1,0
	Pubblikazzjonijiet u EMAS	C8, C17	430 000	0,4
Nefqa oħra — Totali			1 814 000	1,7
Totali			106 753 497	100,0

32. It-trasferiment tat-"tlaqqit" C19 kien iddedikat għall-proġett ta' binja ADENAUER (EUR 33 559 035) u x-xiri tal-binja TREVIES II (EUR 22 007 230) Kif ukoll l-partita 1 2 0 4 "Intitolamenti b'rabta mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq" (EUR 250 000).
33. Il-President awtorizza fl-2021 tmien trasferimenti P ta' approprjazzjonijiet skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Finanzjarju ⁽⁷⁾, li jkopru total ta' EUR 26 464 877, jew 1,3 % tal-appropriazzjonijiet finali għas-sena (fl-2020: disa' trasferimenti P li jammontaw għal 1,1 % tal-appropriazzjonijiet finali għas-sena).
34. B'mod ġenerali, huwa stmat li l-pandemija tal-COVID-19 ġġenerat surplus ta' EUR 95 804 765, li ġie ttrasferit minn partiti bħal dawk relatati mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-organizzazzjoni u l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi, l-operat taċ-ċentri tal-viżitaturi tal-PE, it-taħriġ personali, il-konsum tal-enerġija, eċċ. Fl-istess ħin, il-pandemija tal-COVID-19 għamlitha neċessarja li jissaħħu linji baġitarji oħra b'total ta' EUR 26 230 480. Dawk il-linji huma relatati prinċipalment mas-saħħa u l-prevenzjoni, mal-IT u mat-tagħmir tekniku u man-nefqa fuq l-interpretazzjoni għall-appoġġ tat-telexoġhol u laqgħat remoti u ibridi multilingwi.

I. L-implimentazzjoni baġitarja skont il-kapitolu

35. Din it-taqsimha tħares lejn l-użu tal-appropriazzjonijiet skont il-kapitolu tal-baġit, is-sehem tagħhom mill-baġit ġenerali u l-bidliet fl-użu tal-appropriazzjonijiet matul is-sena finanzjarja preċedenti Ħames kapitoli ammontaw għal 75,8 % tal-impenji totali. Dawn kienu l-Kapitolu 1 0 "Membri tal-istituzzjoni", il-Kapitolu 1 2 "Uffiċjali u persunal temporanju", il-Kapitolu 2 0 "Bini u nefqiet relatati", il-Kapitolu 2 1 "L-ipproċessar tad-data, it-tagħmir u l-għamara" u l-Kapitolu 4 2 "Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari".

⁽⁷⁾ Deċiżjoni mill-istituzzjoni li tittrasferixxi approprjazzjonijiet f'artikolu partikolari.

36. It-Tabella 4 toffri analiżi għal kull kapitolu, tal-appropriazzjonijiet impenjati fl-2021 meta mqabbla ma' daww impenjati fl-2020.

Tabella 4

Appropriazzjonijiet impenjati fl-2021 meta mqabbla ma' daww impenjati fl-2020

Kapitolu	Intestatura	2021 (EUR)	2020 (EUR)	Differenza (EUR)	Bidla 2021/2020 %
1 0	Membri tal-istituzzjoni	181 013 991	180 659 038	354 953	0
1 2	Uffiċjali u persunal temporanju	702 376 364	679 166 389	23 209 975	3
1 4	Persunal ieħor u servizzi esterni	180 529 832	150 587 138	29 942 694	20
1 6	Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni	30 611 590	19 083 918	11 527 672	60
Titolu 1 — Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni		1 094 531 777	1 029 496 483	65 035 294	6
2 0	Bini u nefqiet relatati	258 155 674	287 339 852	-29 184 178	-10
2 1	Proċessar ta' data, tagħmir u għamara	200 803 735	204 061 518	-3 257 783	-2
2 3	Nefqa amministrattiva kurrenti	3 831 944	6 743 937	-2 911 993	-43
Titolu 2 — Bini, għamara, tagħmir u nefqiet varji għall-operat amministrattiv		462 791 353	498 145 307	-35 353 954	-7
3 0	Laqgħat u konferenzi	12 682 024	7 838 908	4 843 116	62
3 2	L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwist, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni	137 810 147	107 598 067	30 212 080	28
Titolu 3 — Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet ġenerali mwettqa mill-istituzzjoni		150 492 171	115 436 975	35 055 196	30
4 0	Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi	126 916 123	123 200 426	3 715 697	3
4 2	Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari	197 927 992	183 989 920	13 938 072	8
4 4	Laqgħat u attivitajiet oħra tal-membri attwali u preċedenti	500 000	480 000	20 000	4
Titolu 4 — Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali li jsiru mill-istituzzjoni		325 344 115	307 670 346	17 673 769	6

Kapitolu	Intestatura	2021 (EUR)	2020 (EUR)	Differenza (EUR)	Bidla 2021/2020 %
Titolu 5 — L-awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u l-Kumitat ta' persuni eminenti indipendenti		830	1 845	- 1 015	-55
Titolu 10 — Infiq ieħor		0	0	0	—
	Totali	2 033 160 246	1 950 750 956	82 409 290	4

37. Iż-żieda żgħira fl-impenji **fil-Kapitolu 1 0** "Membri tal-istituzzjoni", (EUR 0,4 miljun) minn naħa hija r-riżultat ta' żieda fl-ispejjeż tal-ivvjaġġar fl-2021, madwar EUR 13,5 miljun skont il-partiti 1 0 0 4 "Spejjeż tal-ivvjaġġar ordinarji" u 1 0 0 5 "Spejjeż tal-ivvjaġġar oħrajn" wara l-ftuħ mill-ġdid progressiv tal-attivitajiet parlamentari. Min-naħa l-oħra, tnaqqis kważi ekwivalenti affettwa l-artikolu 1 0 2 "Allowances Tranżitorji".
38. L-MEPs li jħallu l-Parlament wara li jtemmu mill-inqas sena servizz huma intitolati għal allowance tranżitorja. Il-perjodu li matulu titħallas l-allowance tranżitorja jiddependi mit-tul totali tas-servizz tal-Membri fil-Parlament. L-2020 kienet l-ewwel sena sħiħa wara s-sena tal-elezzjonijiet Ewropej u l-kostituzzjoni tad-disa' leġislatura sussegwentement fl-2021, il-livell ta' "allowances tranżitorji" kien għoli. B'kuntrast, fl-2021, l-impenji skont l-artikolu 1 0 2 "Allowances tranżitorji" kienu EUR 12,3 miljun inqas milli fl-2020.
39. L-indiċjar tas-Salarji u tal-Allowances tal-Membri (ara l-paragrafu hawn taħt fil-Kapitolu 1 2) fil-Kapitolu 1 0, kien parzjalment ikkumpensat minn tnaqqis skont l-artikolu 1 0 3 "Pensjonijiet" (EUR 0,6 miljun), taħt il-partiti 1 0 0 6 "Allowance għan-nefqa ġenerali" u 1 0 1 0 "Assigurazzjoni għall-inċidenti u għall-mard u bidliet oħra fis-sigurtà soċjali" (tnaqqis globali ta' EUR 0,9 miljun).
40. In-nefqa fuq uffiċjali u persunal temporanju (**il-Kapitolu 1 2**) ammontat għal EUR 702 miljun fl-2021, li jagħmilha l-akbar kategorija ta' nfiq (li jammontaw għal 34,5 % tal-impenji totali għall-2021). It-tkabbir fl-impenji rriżulta prinċipalment miż-żieda tal-partita 1 2 0 0 "Remunerazzjonijiet u allowances", li tirrifletti l-indiċjar tas-salarji. F'Diċembru 2021, il-pagi tal-uffiċjali u persunal ieħor tal-Unjoni Ewropea żdieđu b'1,9 %, b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2021. Barra minn hekk, iż-żieda tas-sena ta' qabel ta' 0,7 % b'effett mill-1 ta' Lulju 2020 ikkontribwiet għaż-żieda.
41. Kumplessivament, l-appropriazzjonijiet impenjati **fil-Kapitolu 1 4** "Persunal ieħor u servizzi esterni" ammontaw għal EUR 180,5 miljun u żdieđu b'20 % meta mqabbla mal-2019. F'dan il-Kapitolu, l-elementi ewlenin juru l-iżviluppi li ġejjin: In-nefqa fuq persunal ieħor — prinċipalment aġenti kuntrattwali — (partita 1 4 0 0 "Aġenti oħra — Segretarjat Ġenerali u gruppi politiċi", żdieđet b'EUR 8,5 miljun minħabba l-indiċjar tal-pagi u żidiet fl-għadd tal-persunal. Il-partita 1 4 0 4 "Traineeships, esperti nazzjonali sekondati, skambji ta' uffiċjali u żjarat ta' studju" żdieđet b'EUR 1 miljun, il-partita 1 4 0 5 "Nefqa fuq l-interpretazzjoni" kibret bi EUR 18,7 miljun bħala riżultat taż-żieda fl-attivitajiet parlamentari fl-2021 fir-rigward tal-2020 fejn ġie rreġistrat l-impatt sħiħ tal-pandemija tal-COVID-19 u l-partita 1 4 2 0 "servizzi ta' traduzzjoni esterna" żdieđet b'EUR 1,5 miljun minħabba ż-żieda ta' paġni tradotti fl-2021.
42. **Il-Kapitolu 1 6** "Nefqa oħra relatata ma' persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni" juri żieda ta' EUR 11,5 miljun fl-2021 meta mqabbla mal-2020. Il-partita 1 6 1 2 "Tagħlim u żviluppi" żdieđet b'EUR 0,8 miljun biex jiġi ffaċilitat it-taħriġ għall-persunal li jaħdem id-dar. L-Artikolu 1 6 3 "Miżuri biex jgħinu lill-persunal tal-istituzzjoni" żdieđ ukoll b'EUR 0,5 miljun biex jappoġġa l-mobbiltà tal-persunal u attivitajiet soċjali oħra. Barra minn hekk, in-nefqa taħt il-partita 1 6 5 0 "Saħħa u prevenzjoni" żdieđet b'EUR 11,5 miljun biex tiffinanzja t-testijiet COVID-19 u l-kampanja ta' tilqim tal-PE fi Brussell u fil-Lussemburgu matul l-2021 kollha, biex issegwi t-tmexxija taċ-ċentri tat-tilqim fi Brussell u biex tkompli bir-regoli tas-saħħa u s-sikurezza li jirregolaw l-aċċess għall-bini tal-Parlament fit-tliet postijiet tax-xogħol tiegħu. In-nefqa fil-partita 1 6 5 2 "Nefqa fuq il-catering" tnaqqset b'EUR 1,3 miljun peress li l-miżuri ta' solidarjetà stabbiliti fl-2021 mal-operaturi tal-catering tnaqqsu meta mqabbla mal-2020 bħala riżultat ta' impatt aktar baxx tal-COVID-19 fl-2021.
43. It-tnaqqis ġenerali ta' 10 % fl-impenji tal-Bini u l-ispejjeż assoċjati (**il-Kapitolu 2 0**) jista' jiġi spjegat mill-fatt li dan il-kapitolu qed jiffinanzja, fost oħrajn, proġetti kbar fejn in-nefqa min-natura tagħha mhix lineari matul is-snin. Minn naħa waħda, l-impenji taħt il-partita 2 0 0 0 "Kera" ammontaw għal EUR 24,6 miljun meta mqabbla ma' EUR 32,9 miljun fl-2020 u skont il-partita 2 0 0 1 "Pagamenti ta' lokazzjoni" ammontaw għal EUR 33,6 miljun fl-2021 meta mqabbla ma' EUR 63,3 miljun fl-2020. Huma jikkonċernaw il-finanzjament tal-proġett tal-binja ADENAUER fil-Lussemburgu (l-akbar proġett tal-bini tal-Parlament) permezz ta' trasferiment tal-aħħar tas-sena.

Minħabba impatt aktar baxx tal-COVID-19 fuq l-attivitajiet Parlamentari fl-2021 mis-sena ta' qabel, jistgħu jkunu disponibbli inqas fondi għal dan. Madankollu, kien hemm żieda fl-impenji skont il-partiti 2 0 0 7 "Il-kostruzzjoni ta' bini u l-installazzjoni ta' bini" u 2 0 0 8 "Arranġamenti speċifiċi oħra għall-ġestjoni tal-proprjetà" li b'ammont globali ta' EUR 7,5 miljun fl-2021 fir-rigward tal-2020 (ara l-paragrafu 18). Fl-aħħar nett, skont l-artikolu 2 0 2 "Nefqa fuq il-bini", l-impenji żiedu b'EUR 1,4 miljun fl-2021 fir-rigward tal-2020.

44. It-tnaqqis bi 2 % għal kważi EUR 201 miljun, għall-ipproċessar tad-Data, tagħmir u għamara (**il-Kapitolu 2 1**) hija marbuta ma' impatt aktar baxx tal-COVID-19 fl-2021 u ma' hteġa aktar baxxa li jiġu diġitalizzati l-proċessi u tiġi pprovduta l-infrastruttura għax-xogħol mill-bogħod peress li l-parti prinċipali ta' dawn il-kompiti saret bl-użu tal-baġit 2020.
45. **Il-Kapitolu 2 3** "Nefqa amministrattiva kurrenti" jippreżenta tnaqqis ta' 43 % (EUR 2,9 miljun) fl-impenji tiegħu minħabba tnaqqis importanti skont l-artikolu 2 3 2 "spejjeż u ħsarat legali" fl-2021 fir-rigward tal-2020 (EUR - 2,7 miljun).
46. **Il-Kapitolu 3 0** "Laqgħat u konferenzi" kien, b'żieda ta' 62 % (EUR 4,8 miljun) il-kapitolu bl-ogħla żieda proporzjonali fl-2021 wara li rreġistra l-akbar impatt fl-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19.
47. Iż-żieda **tal-Kapitolu 3 2** "L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: Akkwist, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni" (EUR 30,2 miljun; 28 %) hija prinċipalment relatata mal-partita 3 2 4 3 "Ċentri għall-viżitaturi tal-Parlament Ewropew" għall-installazzjoni u t-tmexxija tal-ispazji tal-Europe Experience.
48. Iż-żieda fin-nefqa (3 %) relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u korpi (**il-Kapitolu 4 0**) hija prinċipalment dovuta għall-artikolu 4 0 0 "Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati" li jirrifletti attivitajiet dejjem akbar fil-Parlament fl-2021.
49. Iż-żieda fin-nefqa relatata mal-assistenza parlamentari (**il-Kapitolu 4 2**) li tammonta għal EUR 14-il miljun, 8 % huma prinċipalment riżultat ta' żieda fl-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tat-taħriġ tal-assistenti parlamentari akkreditati minħabba l-irkupru ta' dawn l-attivitajiet fl-2021 wara sena 2020 bl-impatt ewlieni tal-COVID-19.
50. L-Annessi III u IV jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-appropriazzjonijiet tas-sena attwali.

RENDIKONT TAT-TRASFERIMENTI "C" MATUL IS-SENA FINANZJARJA 2021

Nru	Għall-/Mill-Kapitolu/Artikolu/Partita		Intestatura	Deskrizzjoni tat-trasferiment/kummenti	Ammont kreditat (€)	Ammont debitat (€)
C1	mill-Partita	1 0 0 4	Spejjeż tal-ivvjaġġar ordinarji	L-għan ta' dan it-trasferiment kien li jiffinanzja ħtiġijiet addizzjonali ta' persunal li jirriżultaw minn internalizzazzjonijiet, kompiti u proġetti strateġiċi ġodda, li jitħaffef l-ipproċessar tar-regolarizzazzjonijiet annwali fil-qasam tal-assistenza parlamentari u li jiġu stabbiliti proġetti ġodda relatati mal-FMS.		491 000
	mill-Partita	2 1 0 2	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Aktivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Sostenn ġenerali lill-utenti		2 119 866	
